





Diċembru 2007
Nru. 19

# Leħen il-Punent












EQUALABEL


SKEMA TA' GHOTI TA' FLUS GHALL-GALLARIJI TA' L-INJAM
Offerta Speċjali
iffranka
sa 60%
Din l-iskema hija miftuħa għar-residenti li joqgħodu f'żoni ta' konservazzjoni urbana (UCAs) fil-lokalitajiet kollha ta' Malta u Għawdex u kull bini skedat ieħor.
Dawk li t-talba tagħhom tkun milqugħa jingħataw sa 60% ta' l-ispiża li jkunu għamlu iżda mhux aktar minn LM600.00 (€1397.62)
Formoli ta' applikazzjoni għal din l-iskema jistaw jingabru mingħand il-Kunsilli Lokali.
L-iskema tagħlaq fil-15 ta' Jannar 2008.
MEPA
Suġġeriment li jżid il-valur tal-propjeta tieghek:
Mexxi l-impjant ta' l-arja kkundizzjonata li għandek mal-faċċata tad-dar tiegħek f'post fejn ma jagħtix fil-għajn. Issa li ser tirrestawra l-gallarija ta' l-injam, waħda mill- alternattivi li għandek hi illi f'ġenb wieħed fil-livell ta' l-art, l-injam isir forma ta' persjana u warajh jitqiegħed l-impjant.
Għal aktar informazzjoni idħol fil-website www.mepa.org.mt jew ċempel fuq in-numru 2290 1027

# *Leħen il-Punent*

Ħarġa Speċjali ta' Kull Sena

Diċembru 2007 - Jannar 2008 • Nru. 19





Rivista maħruġa mill-
**KUNSILL LOKALI GĦARB**
Triq il-Viżitazzjoni, Għarb GRB1044
Tel: 21 560556 • Fax: 21 562727
E-mail: gharb.lc@gov.mt


**~ KUNSILL LOKALI GĦARB ~**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **David Apap Agius** |
| **Viċi-Sindku:** | **Raymond Cassar** |
| **Kunsilliera:** | **Dimitrius Agius** |
| | **Carmen Vella** |
| | **Sunta Camilleri** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Joanne Attard** |
| **Skrivana:** | **Emily Amatulli Depasquale** |

Kull Korrispondenza għandha tintbagħat lill-"Leħen il-Punent" Kunsill Lokali Għarb




Fil-qoxra tal-fuljett insibu uħud mill-avvenimenti l-iktar importanti tal-Kunsill matul is-sena 2007. Minn fuq għal isfel, xellug għal lemin insibu:- Żjara tal-President ta' Malta fl-Għarb, Il-Grupp tal-Ġemellaġġ ġewwa Castrolibero, Il-logo ta' Seħer il-Punent bil-fjuri fl-Infiorata, "Il-Qiegħa" waqt Seħer il-Punent, Il-Kwadru Mirakoluż tal-Madonna del Cuore waqt il-ħruġ tal-purċissjoni waqt Seħer il-Punent, Esebizzjoni ta' Prodotti Artigjanali minn ta' Dbiegi ġewwa Castrolibero, Logo tal-Proġett Ewropew Equalabel ko-finanzjat mill-Kummissjoni Ewropeja - Community framework strategy on gender equality. Employment, soċial affairs and equal opportunities DG (VP/2005/20), Wieħed mill-Kunċerti waqt Seħer il-Punent, Dokument fejn il-Kunsill ta' Castrolibero stieden liċ-ċittadinanza għall-iffirmar ta' ftehim ta' koperazzjoni mal-Għarb.


• Grazzi lil-isponsors tagħna ta' l-għajnuna tagħhom matul is-sena
• Grazzi wkoll imur għal-kontributuri ta' din il-Ħarġa

Issetjat u Stampat : A&M Printing Ltd. - Qala • Tel: 2155 32 17


# F'Din il-Ħarġa...


4 Messaġġ mis-Sindku

7 Mill-Pinna tal-Kunsilliera

9 Equalabel u l-Kunsill Lokali ta' l-Għarb

10 Messaġġi mill-Għaqdiet tal-Lokalità

14 Seħer il-Punent

16 Servizzi offruti mill-Kunsill

19 Djarju 2007

23 L-Estimi Finanzjarji

24 Sorpriża

25 Childrens Corner

26 Riċetti

27 Siti miftuħa



# Messaġġ mis-Sindku

Nixtieq l-ewwelnett nesprimi s-sodisfazzjon tiegħi li għal darb'oħra għandi l-okkażjoni illi nwassal dan il-messaġġ. Għaddiet sena oħra mill-istorja minn fuq il-lokalità tagħna, sena impenjattiva b'avvenimenti li ikkaratterizzaw il-ħajja ta' madwarna.

Jien ma qgħadtx nikkonsulta diskorsi oħra li għamilt f'xi snin oħra, però nassigurakom li l-ħsieb tiegħi qatt ma tbiddel. Jien għandi fiduċja fikom ilkoll u b'impenn akbar ser inkompli nservikom. Jien għandi fiduċja illi l-lokalità timxi 'l quddiem jekk intom onestament tagħmlu d-dmirijiet tagħkom. U jien irrid ngħid illi, fl-esperjenza li llum nista' ngħid hija ta' għaxar snin, lil dawk kollha li jappartjenu f'din il-lokalità fil-maġġoranza tagħhom jaqdu dmirhom. Intom is-sinsla u l-futur ta' din il-lokalità. Aħna fil-Kunsill bl-appoġġ u għażla demokratika tagħkom. Però intom tibqgħu. Intom li tridu taraw li dak li hu tajjeb fil-lokalità ikompli jiġi sostnut.

Ir-rappreżentanti tal-Għaqdiet nara fikom enerġija, ħawtiela u tistinkaw b'doveri fl-interess tal-komunità kollha u ta' dan ilkoll nirringrazzjakom ta' kull kontribut żgħir jew kbir għal din ix-xogħol voluntarju li twettqu tul is-sena kollha.



L-aħħar tas-sena ikun żmien tajjeb li, flok noqogħdu ngorru u naraw x'inhu ħazin, nirringrazzjaw u nirrimarkaw ta' l-akkwisti li rnexxilna nagħmlu tul is-sena li waslet biex tispiċċa. F'kelma waħda inkunu pożittivi. U naħseb illi l-lokalità tagħna għandha xi tgħodd fil-benefiċċji li dil-lokalità żgħira tagħna għandha. Wieħed mill-akbar preġji tal-lokalità - huwa ċ-ċokon u il-karattru tagħha, li lkoll nafu lil xulxin (naturalment bid-difetti u l-meriti ta' kull wieħed minna.) Però m'hawn ħadd li m'għandux meriti. M'hawn ħadd li m'għandux difetti. U allura rridu nagħdru lil xulxin, nimxu 'il quddiem.

Waħda mill-meravilji, kif din l-lokalità minkejja ċ-ċokon ir-residenti qatt ma qatgħu qalbhom, anke quddiem diffikultajiet u żviluppi kontinwi. Dejjem irnexxilna inħarsu il-quddiem. Missirijietna ħadmu bla heda biex illum għandna dak li għandna. Meravilja kif imxejna 'l quddiem b'mod li għandna xi ħaga li ma tikkonfondiniex, ma tħallatniex, tidentifikana mill-bqija ta' lokalitajiet oħra ferm akbar. Aħna lkoll ulied l-Għarb u naħseb din hija xi ħaġa li għandna nkunu lkoll kburin minnha.

Aħna poplu żgħir imma b'qalb kbira u mifrux mad-dinja. Kemm huma dawk li taw jew qed jagħtu kontribut lokalment u oħrajn fl-Awstralja, America, Canada eċċ u oħrajn f'postijiet tal-missjoni, aħna kburin li aħna mill-Għarb. U jiena ċert li dan huwa l-messaġġ li aħna għandna nagħtu lilna nfusna, partikolarment f'dawn iż-żminijiet ta' l-aħħar tas-sena, meta, naħseb, ftit jew wisq kulħadd kważi jinġarr mal-bqija minn das-sentiment ta' solidarjetà, ta' fraternità, imħabba reċiproka. Huwa żmien fejn ninsew, kemm jista' jkun, id-differenzi ta' bejnietna nikkonċentraw fuq dak kollu li jgħaqqadna u nħarsu 'l quddiem.

U jien, meta nħares 'il quddiem ma naqtax qalbi. Meta nħares 'il quddiem ngħid, "Iva. Konna kapaċi nagħmlu ħafna, u m'għandix dubbji li, minkejja d-diffikultajiet kollha li jista' jkollna, dan mhux ser jaqtalna qalba, ser nimxu 'l quddiem".

## X'wettaqna tul is-sena li għaddiet, fil-qosor:

**Attivitajiet**… Organizzajna il-Karnival, Festival Nazzjonali Seħer il-Punent u ġibna l-kwadru Mirakuluż tal-Qalb tal-Madonna minn Gerano, Qassamna figolli tal-Għid lit-tfal, attività biex tfakkar l-40 anniversarju mill-mewt ta' Frenċ ta' l-Għarb, Jum l-Għarb 2007 u organizzajna diversi ħargiet soċjo-kulturali. Fostna ilqajna ukoll iż-żjara mill-Ambaxxatur Franċiż u fil-jiem li għaddew iż-żjara tal-President ta' Malta.





**Fejn għandu x'jaqsam finanzjament tal-Unjoni Ewropeja**… Titlesta l-ewwel fażi tal-Proġett ta' Wied il-Mielaħ. (€200,000), Proġett Ewropew Equalabel, jittratta dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. (€28,000)… Tfassil ta' proġett għat-turiżmu fl-Għarb, u Ġemellaġġ ġdid ma' Castrolibero f'Cosenza l-Italja li mill-ewwel inkontru li sar f'Novembru ibbenefikaw il-craftsmen ta' Dbieġi li kellhom l-opportunita' jesebixxu l-prodotti tagħhom f'esebizzjoni li nżammet apposta.

**Infrastruttura**... Saru tiswijiet fuq il-kanal tal-ilma fi Triq il-Knisja k/m Triq il-Viżitazzjoni, Tkompla ix-xogħol ta' resurfacing tal-Wilġa, Irranġar tal-Wied ħdejn taż-żejt u ta' Jodros, inbdew ix-xogħolijiet fil-ground Perit Wiġi Portelli. Irnexxilna ukoll niffirmaw ftehim ta' Koperazzjoni mas-Segretarju Parlamentari għan-Negozji żgħar u Self Employed dwar ta' Dbieġi. Ftehim li għandu l-għan ewlieni li jġib 'il quddiem liċ-ċentru tas-snajja ta' Dbieġi. Wara diversi laqgħat mal-Korporazzjoni tal-ilma qbilna fuq xogħolijiet infrastrutturali li ser isiru meta ser ikun implimentat x-xogħol fuq il-masterplan tad-dranaġġ li ser jitlaq minn Wied il-Mielaħ u ser jgħaddi mill-qalba tar-raħal.



**Il-Kunsill ma naqasx milli jagħti sostenn lill-Għaqdiet**… organizzajna car show fi Triq l-Għarb flimkien mal-kumitat Għarb Rangers FC, tajna kontribut fl-organizzazzjoni tal-festa 2007 u għinna fl-attività tal-Pizza night liċ-Ċentru Parrokkjali. Ma dawn hemm aktar però ma nispiċċa qatt.

**Edukazzjoni u Servizzi**… Kors tal-presepju mill-Għaqda Ħbieb tal-Presepju Għawdex, Korsijiet tal-kompjuters, Korsijiet tas-Sajf, Korsijiet dwar l-ugwaljanza, Seminar dwar l-munita Euro. Servizz ta' open skip ta' kull nhar ta' Sibt ħdejn il-ground, servizz ta' ħlasijiet ta' kontijiet fosthom tal-propjeta' tal-gvern u liċenzji. Self ta' kotba u internet mil-librerija.



**L-ambizzjoni tagħna għal Proġetti fil-futur**

**Mill-allokazzjoni annwali:** • Tkomplija tat-toroq l-ewwel minn ħdejn iċ-ċimiterju sal-pjazzetta ta' San Pietru u wara Triq Trux sa l-aħħar bini. • Pavimentar tas-Sqaqien. • Ċentru Ċiviku b'servizzi ġodda. • Titjib fis-servizzi informattivi fil-lokalità. • Titjib fis-sistema ta' immaniġjar tat-traffiku.

**EU**: • Tieni fażi tal-proġett ta' Wied il-Mielaħ. • Il-proġett Equalabel. • Sports campus *state of the art* flok il-ground Wiġi Portelli. • Titjib tat-toroq fil-kampanja. • Tisbiħ fiċ-ċentru storiku. • Servizz Informazzjoni għat-turisti f'ta' Pinu .





L-impenn u sodisfazzjon li tkun fil-Kunsill. M'ilux wisq irċivejt nota ta' ringrazzjament u fiha kien hemm dawn il-kelmiet: "Jiena, il-ftit li inkun l-Għarb pero' milli rajt u smajt, fhimt *that you care.*" U hemm bżonn li din l-lokalita' tagħna tibqa' mimlija b'nies *who care*. Dan x'ifisser... dmir, dover, obbligu u nkunu ta' servizz. Aħna eletti sabiex inħarsu l-interessi ta' kulħadd, kbir u żgħir, aħmar, blu jew aħdar, intelliġenti u inqas intelliġenti, politikament b'saħħtu u dawk dgħajjfin, f'kelma waħda kulħadd. Jekk irridu nkunu serji irridu nħallu barra l-interess personali u naħdmu biex inġibu 'il quddiem l-interess tal-lokalità. Kultant ma jkunx faċli tifhem u iġġiegħel lill min jifhem kif fid-deċiżjonijiet li nieħdu irridu ninsew lilna infusna, ninsew l-interessi personali u l-egoiżmu tagħna. Għandu jinteressana l-oħrajn kif qed jgħixu. Għandu jinteressana kif intom kollha qed tgħixu u mexjin.

J'Alla li l-awgurji tagħna f'dawn il-ġranet ikunu jfissru għal kull wieħed u waħda minna, impenn biex b'ħidmietna nagħmlu tassew Milied tajjeb għal ta' madwarna. J'Alla dan l-ispirtu jibqa' magħna tul is-sena kollha biex Milied ieħor ikun Milied aħjar.

Il-Milied huwa wkoll iż-żmien li fih nerġgħu niftakru fl-importanza tal-familji tagħna u tal-ħbieb tagħna. Ir-relazzjonijiet u l-ħbiberiji li naqsmu huma, fuq kollox, l-aktar ħaġa importanti f'ħajjitna... mal-familji tagħna u mal-ħbieb ngħixu dawk l-esperjenzi l-aktar importanti u li jibqgħu stampati f'ħajjitna. Ejjew dejjem nibqgħu ngħożżu dak li tassew għandu valur, l-ewwel u qabel kollox l-għożża lejn il-hajja.

Bħala familja waħda, inħarsu lura u naprezzaw kulma rnexxielna niksbu għal lokalità, waqt li nħarsu wkoll 'il quddiem b'fiduċja kbira fil-kapaċitajiet diversi tagħna li, jekk il-Bambin irid, iwassluna biex nilħqu l-miri li għandna fuq l-aġenda tal-lokalita' tagħna.

Jiena, l-familja, l-Kunsilliera u l-Istaff nixtiequ lilkom ilkoll il-Milied it-Tajjeb, mimli sliem u saħħa, u s-sena 2008 mimlija b'kull risq u hena u ħidma biex l-awgurju tal-lum insarrfuħ f'ħajja aħjar għal kulħadd.

*David Apap*
**Sindku**



# Mill-Pinna tal-Kunsilliera....

Insellmilkom ħbieb,
Il-Milied reġa' qiegħed magħna. Iż-żmien jgħaddi. Xahar wara xahar u mank tinduna. Qiegħed nikteb dan il-messaġġ tiegħi għall-ħames darba bħala kunsillier fuq ir-rivista tagħna 'Leħen il-Punent'.

Bdejna s-sena billi l-Kunsill għall-ewwel darba daħal għal organizzazzjoni mhix żgħira billi organizza l-festival taħt l-isem 'Seħer il-Punent', li minn ħolma saret realtà. Il-programm kien imqassam fuq tlett ijiem b'varjetà ta' attivitajiet diversi. Kien hemm żfin minn diversi gruppi u wirjiet ta' artiġjanat. Mhux inqas l-Infiorata li reġgħet serqet l-għajn ta' dawk kollha li ġew iżuru r-raħal. Matul dawn it-tlett t'ijiem fostna kien hawn magħna l-Inkwadru Mirakoluż ta' Ġerano, fejn il-Kunsill huwa ġemellat. Ma' nkun naħbi xejn jekk ngħid illi l-Kunsill qiegħed jerġa jippjana biex dan l-avveniment jerġa' jsir. Wara ftit xhur l-Infiorata reġgħet saret din id-darba għall-festa tar-raħal. Il-poplu ta' l-Għarb ikun ħerqan biex jara l-Infiorata fuq iz-zuntier tal-Knisja.

Attivitajiet oħra li saru matul is-sena kienu il-ħargiet għall-anzjani, l-Karnival li irnexxa ħafna, l-party tat-tfal tal-Milied, ħaġa li ssir ta' kull sena li fiha t-tfal jieħdu ħafna gost.

Bħala ħidma fir-raħal tkompla x-xogħol li kien għad baqa' fit-toroq tal-wilġa u għaddej ix-xogħol fuq il-ground tal-football. Nisperaw li jibda' ma jdumx ix-xogħol fuq it-triq ta' Santu Pietru, li minn fejn iċ-ċimiterju tagħti għal misraħ ta' Santu Pietru. Fejn wara li jitbiddlu s-servizzi ta' l-ilma tingħata wiċċ ġdid bit-tarmak.

Nittamaw ukoll illi wara li jitla' ir-raising main minn Wied il-Mielaħ ikunu jistgħu jittranġaw bil-ftehim mal-korporazzjoni tas-servizzi ta' l-ilma, it-toroq Frenċ ta' l-Għarb, il-Pjazza kif ukoll Triq il-Knisja.

Nisperaw illi s-sena 2008 tkun sena ta' ħidma kontinwa minn naħa tal-Kunsill biex inkomplu naħdmu u nsebbħu r-raħal tagħna.

Nieħu din l-okkażjoni biex nagħti l-isbaħ xewqat għal Milied ħieni u Sena Ġdida mimlija risq u hena.

Insellmilkom,
*Raymond Cassar*
**Viċi - Sindku**

---

Irrid nibda' b'dawn l-erbgħa versi billi nsellem u nirringrazzja lill-poplu kollu tar-raħal tal-Għarb tal-għajnuna li dejjem sibt meta jiena ġejt bżonn l-għajnuna tagħkom. Irrid nirringrazzja ukoll lil dawk il-Maltin li għoġobhom li jagħżlu r-raħal żgħir u sabiħ tagħna. Jiena naf li intom meta tiġu tistrieħu fir-raħal tagħna, kollha tkunu ferħana u ma tixtiqux li tħallu r-raħal żgħir, kwiet u sabiħ tagħna, imma minħabba ċirkustanzi ta' xogħol u familji kull nhar ta tnejn ħafna minnkom issalpaw lejn Malta u tiġu lura fil-weekends. *I like to thank all the foreigners who are living in our beautiful village and you and your families and friends who all the year round are happy and you are as brothers and sisters to me. Please when you are in need of anything that I could help, you know that I do all my best to help you. Now that Christmas is very near I wish you all a Merry Christmas*

*and a Happy New Year 2008.* Nixtieq lin-nies tar-raħal tal-Għarb Milied ħieni u Sena Ġdida ta'risq u hena u l-istess lil-Maltin kollha li qed jiġu jqattgħu l-btajjel tagħhom magħna fir-raħal tal-Għarb. Insellmilkom u ħudu gost fil-milied u s-Sena l-Ġdida.

Dejjem Tagħkom,

*Dimitri Agius*
**Kunsillier**

---

Reġa' wasal għal darba'oħra ż-żmien biex nerġgħu nippublikaw "Leħen il-Punent" li joħrog dejjem qrib il-Milied u li fih intom issibu informazzjoni dwar il-ħidma li għamel u li qed jagħmel il-Kunsill Lokali tagħna.

Il-Kunsill tagħna ġie mfaħħar fost l-aktar Kunsilli li bbenefikaw mill-fondi tal-Ewropa, fosthom għal Wied il-Mielaħ, diversi ġemellaġġi u issa wkoll il-proġett Equalabel. Riċentament saret applikazzjoni għall-fondi ewropej għall-ground tal-football u l-area ta' madwaru. Prosit ngħid lis-Sindku għad-determinazzjoni tiegħu li ma jibżax mix-xogħol u ħin twil li dawn jitolbu. Aħna l-Kunsilliera min naħa tagħna nappoġġjawh pero' nixtieq ngħid li l-affarijiet jieħdu ż-żmien u xejn ma jsir fi ftit jiem.

Din is-sena 2007 kellna ħafna laqgħat u seminars kemm Għawdex u anke Malta dwar il-benefiċċju ta' kif il-Kunsill juza' dawn il-fondi ta' l-Ewropa. Aħna kellna…

F'Settembru ġie l-Għarb l-Ambaxxatur Franċiż Jean Marc Rives biex jiftaħ il-Wirja tal-pittura tal-Franċiż Rafael Labro li hu resident fil-lokalita' tagħna. Qabel ma fetaħ il-wirja ħadnieh jara postijiet ta' interess li għandna fl-Għarb. Ħa ħafna pjaċir għax anke tkellem ma' anzjani, tfal u anke ma' ġenituri zgħar fl-età, u qal li jekk ikollu ċans ieħor jerga' jżurna. Matul is-sajf saru diversi korsijiet kemm għat-tfal kif ukoll għall-kbar. Ippruvajna norganizzaw korsijiet oħra għax-xhur tax-xitwa pero' ma kienx hemm attendenza.

Il-Milied dalwaqt magħna, hu żmien sabiħ u ta' ferħ għal kulħadd. Barra t-tiżjin li l-Kunsill jagħmel fit-toroq tal-lokalità tagħna se nħajjru lill-istudenti tagħna biex jiktbu poeżiji jew komponimenti dwar il-Milied. Dan barra l-kompetizzjoni tat-twieqi u tal-Presepji. M'għandniex xi ngħidu bħas-soltu b'kollaborazzjoni mal-parroċċa norganizzaw party fejn il-Kunsill jagħti rigal lit-tfal kollha li jattendu.

Din hija xi ftit mill-ħidma. Hemm il-ħargiet għall-anzjani, is-sussisdju li nagħtu għad-Day Centre, l-ilmenti li nirċievu mingħand ir-residenti tagħna u nressquhom fil-laqgħat tal-Kunsill, dawn aħna niddiskutuhom flimkien u nippruvaw insibu l-aħjar soluzzjoni għall-ġid u s-saħħa ta' dak l-individwu u ta' dawk li jgħixu madwaru.

Nagħlaq billi nsellem lir-residenti kollha tal-lokalità tagħna. J'Alla kellkom sena tajba u nawguralkom Milied Ħieni u Sena Ġdida mimlija risq u barka.

Dejjem tagħkom,

*Carmen Vella*
**Kunsillier**

---

Reġa' wasal iż-żmien li nerġa' nwassal il-messaġġ tiegħi lilkom residenti tar-raħal tal-punent fil-fuljett 'Leħen il-Punent'.

Il-Kunsill għandu fiduċja fikom ir-residenti sabiex naħdmu id f'id għall-ġid tar-raħal tagħna. Jiena bħala kunsilliera nagħmel minn kollox sabiex l-ilmenti tagħkom ma jaqgħux f'widnejn torox għax bħal ma tafu jien ġejt eletta minnkom sabiex inkun għalikom il-leħen u l-id tal-poplu ta' l-Għarb.

Nieħu din l-okkażjoni biex nawgura Milied ħieni u sena ġdida mimlija saħħa, paċi u sliem lill-familji kollha u nħeġġeġ lil sħabi l-Kunsilliera inkomplu naħdmu id f'id sabiex ix-xogħol li nagħmlu jissarraf f'ġid għal-lokalità tagħna.

*Sunta Camilleri*
**Kunsillier**

# Equalabel u l-Kunsill Lokali ta' l-Għarb

Equalabel huwa proġett Ewropew li l-qofol tiegħu huwa azzjoni ta' koperazzjoni fost numru ta' Kunsilli Lokali fosthom l-Gharb u għaqdiet minn diversi pajjiżi Ewropej. L-għan aħħari tal-proġett Equalabel huwa biex iħeġġeġ bidla fil-kultura u l-atteġġjament fi ħdan is-soċjeta' biex tinkiseb l-ugwaljanza tas-sessi fost il-ġnus. Il-qasam t'azzjoni ewlieni huwa dak tal-ambjent lokali.

Ir-riżultati li jridu jinkisbu mill-Proġett Equalabel huma: Jiżdied is-sens t'ugwaljanza fis-servizzi pubbliċi. Li c-cittadin jiġi provdut b'tikketta ta' kwalita' li permezz tagħha jiġu identifikati dawk is-servizzi li verament jirrispettaw u jkattru l-ugwaljanza.Jitwaqqfu għodod ġodda għal Kunsilli Lokali Ewropej biex jadattaw is-servizzi pubbliċi għal dak li jeħtieġ biex ikun hemm l-ugwaljanza. Jiżdied it-tħeġġiġ lill-politikanti fil-qasam tal-ugwaljanza. Tiddaħħal għodda ġdida t'edukazzjoni informali mill-Kusilli lokali biex jiżdied it-tagħrif fis-soċjeta fuq l-ugwaljanza. Jitmexxa t-tagħrif fuq ir-riżultati tal-proġett u policies t'Ugwaljanza fl-Unjoni Ewropeja. Tagħrif dwar possibilitajiet li titħeġġeġ aktar l-ugwaljana waqt attivitajiet ta'divertiment. It-titjib tal-effiċjenza tas-servizzi pubbliċi biex jitneħħew differenzi f'dak li għandu x'jaqsam ma ugwaljanza. It-tishiħ tal-għaqda tan-network ta' bliet imsieħba fil-patrimonju fl-Umanita':EQUALABEL. Li jiddaħħlu modi ġodda biex jedukaw it-tfal fl-iskejjel dwar l-Ugwaljanza. Jiddaħħlu għodod innovattivi ta' tagħlim fiċ-ċentri edukattivi permezz ta' edukazzjoni non formali. It-twaqqif ta' skambji ta' ħidma u kollaborazzjoni sostenibbli flimkien mas-sieħba soċjali, setturi politiċi u ekonomiċi. Tagħrif lis-sieħba soċjali, politiċi, u ekonomiċi kif ukoll liċ-ċittadini dwar barrieri u limitazzjonijiet fir-rigward ta' ugwaljanza bejn is-sessi.

Ir-rieda tal-Kunsill Lokali Gharb biex jikseb l-EQUALABEL, ġejja mill-Missjoni tal-Kunsill stess 'biex itejjeb il-kwalita' tal-ħajja tar-residenti fl-ambjent li fih jgħixu'. L-għan tal-Kunsill hu li jitgħallem minn Kunsilli Lokali akbar barra minn Malta u jadotta pratiċi tajbin fil-kuntest lokali biex ikompli jsaħħah u jtejjeb inizjattivi oħra tiegħu fil-qasam soċjali. Issa li dħalna fl-Unjoni Ewropeja il-Kunsill Lokali ta' l-Għarb ħass il-bżonn li jaddotta policies u standards Ewropej fuq livell lokali u għalhekk ukoll il-parteċipazzjoni tal-Kunsill fl-Equalabel.

Uħud mill-inizjattivi meħuda mill-Kunsill fuq bażi lokali:- Diversi korsijiet ta' taħriġ fosthom:- għall-għalliema tal-iskola Primarja Karmni Grima, għall-Kunsillieri Lokali Għawdxin u għall-membri tal-għaqdiet lokali.

Biex titqajjem kuxjenza fost it-tfal tagħna minn eta' zgħira tnediet Kompetizzjoni fejn l-istudenti tal-Year 6 ġew imħeġġa jiktbu komponiment dwar 'Xi tfisser għalik l-Ugwaljanza bejn is-Sessi'.

Għal aktar informazzjoni dwar il-proġett wieħed jista' jidħol fil-website tal-proġett www.equalabel.eu jew inkella mill-link li hemm fil-website tal-Kunsill www.gharbnet.com.



*Il-Grupp lokali Mistaken Identity li permezz tal-Proġett Equalabel kellhom l-opportunita' li jieħdu sehem f'kunċert ġewwa Segovia, Spanja f'Ottubru 2007 waqt attivita' edukattiva non-formali, parti mill-proġett.*



*Kors ta' Taħriġ għall-għalliema tal-iskola primarja Karmni Grima.*



# Messaġġi mill-Għaqdiet tal-lokalità

Il-Kunsill ta' kull sena jistieden lill-Għaqdiet Lokali sabiex permezz ta' 'Leħen il-Punent' jibagħtu l-messaġġ tagħhom lir-residenti tal-lokalità. Hawn taħt qed jiġu ippublikati il-messaġġi kollha li l-Kunsill irċieva mingħand l-Għaqdiet.

## Messaġġ miċ-Ċentru Parrokkjali

Nibda' biex nirringrazzja lill-Kunsill Lokali ta' l-Għarb, li jagħtina din l-opportunita' biex nagħtu l-messaġġ tagħna fuq "Leħen il-Punent".

Nieħu din l-okkażjoni biex, f'isem iċ-Ċentru Parrokkjali, nirringrazzja qabel xejn lil dawk kollha li jagħtu s-sehem tagħhom fiċ-Ċentru. Insemmi b'mod speċjali lill-membri tal-Kumitat taċ-Ċentru, lill-membri tal-Kumitat taż-żgħażagħ, lil dawk li matul is-sena kollha, jgħinu kuljum fit-tmexxija tal-"Bar" taċ-Ċentru, lil dawk li, fl-istaġun tal-Palk, jagħtu s-sehem tagħhom fid-Drama u produzzjonijiet oħra. Għal din is-sena huwa maħsub li tittella' Varjeta', fix-xahar ta' Novembru, mill-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni. Ikollna l-Varjeta' tal-Milied li ssir kull sena. Għall-bidu tas-sena 2008 hemm il-ħsieb li jittella' d-Dramm "M'hemmx triq oħra", kitba tal-Kan Joe Mejlak. Bħas-soltu jkollna wkoll Serata tal-Palk għaż-żmien tal-Karnival.

Xi ħaga aktar importanti. Nixtieq, permezz ta' dan il-Fuljett, nagħmel appell liż-żgħażagħ tal-Parroċċa biex jipparteċipaw aktar fl-inizjattivi li jiġu organizzati għalihom, fosthom, il-Quddiesa tal-Ewwel Gimgħa tax-Xahar, il-Laqgħa ta' darba fix-Xahar, il-Gimgħa taż-żgħażagħ (f'Novembru), u l-Eżerċizzi tar-Randan.

Ninqeda b'din l-okkażjoni, biex, f'isem iċ-Ċentru Parrokkjali, nsellem lill-poplu kollu tal-Parroċċa tagħna u nawgura lil kulħadd Milied Tajjeb u Sena Ġdida mimlija barka tal-Mulej.

***Kan. D. Ġuzepp Tabone***

## Messaġġ ta' l-Għaqda tal-Koppji

Reġa' wasal dak iż-żmien li fih nirriflettu ftit x'għadda minn għalina matul dawn l-aħħar tnax il-xahar. Fl-Għaqda tal-Koppji sfortunatament ma tantx żdidna fin-numru, imma għall-grazzja t'Alla u grazzi għas-sagrifiċċju ta' dawk li mexxewha għadna għaddejjin bil-laqgħat. Matul is-sena 2007 Dun Eddie Vella mexxa l-laqgħa b'impenn sħiħ u minn hawn aħna nirringrazzjawh. Issa bdejna niltaqgħu kull Nhar ta' Sibt. Din is-sena se nitgħallmu iktar fuq il-Kelma specifikament l-Evangelju ta' San Mark. Il-laqgħat qed jitmexxew mill-Arċipriet u għalihom huma mistiedna l-koppji kollha tal-parroċċa inkluż dawk li ma jistgħux jattendu kull ġimgħa. Aħna nixtiequ Milied ħieni u s-Sena t-Tajba lil kulħadd.

**Mary Caruana**

**Messaġġ mis-Segretarju tal-Għarb Rangers FC**

Għal dan l-istaġun 2007/2008, il-club tagħna qed jieħdu sehem bit-team tal-kbar u daħal ukoll team fl-Under 11. Deherilna li hu għaqli li tiehu ħsieb lit-tfal minn età żgħira biex dawn jitħarrġu kif meħtieġ ħalli jitilgħu sodi mill-ewwel. Illum grazzi għall-Kunsill Lokali hemm ground sintetiku fl-iskola u hekk hemm inqas periklu li jweġġgħu. Xtaqna li nipparteċipaw ukoll fl-Under 13 u fl-Under 16 però ir-raħal tagħna huwa żgħir u ma sibniex tfal biżżejjed f'dawn il-kategoriji. Però lit-tfal li għandna f'din l-età ma niflahomx li ma jilgħabux allura slifnihom għall-istaġun lil timijiet oħra ħalli jibqgħu attivi u staġun ieħor jerġgħu jkunu tagħna. Nixtieq nirringrazzja lill-ġenituri tat-tfal Under 11 li sibna ħafna ko-operazzjoni mingħandhom u qed jibgħatu lil uliedhom jilgħabu. Illum kulħadd fehem illi l-isport huwa ta' ġid kbir għat-tfal kemm mentalment kif ukoll fiżikament biex it-tfal jikbru iktar f'saħħithom u jitilgħu b'karattru sod.

Rigward it-team tal-kbar nieħu gost ngħidilkom illi għandna team magħqud bil-parteċipazzjoni ta' ħafna players mill-Għarb. Bħal kull team ieħor f'Għawdex ġibna xi players minn irħula oħra u ġibna ukoll player minn Niġeria. Ebda team f'Għawdex lanqas irħula kbar bħan-Nadur u Xagħra ma jistgħu jiddependu fuq il-players tar-raħal tagħhom biss aħseb u ara aħna. Biex tkun kompetittiv irid ikollok team mibni tajjeb u ma tistax tgħaddi li ma jkollokx ukoll player wieħed stranġier. Aħna għandna Nigerjan u t-timijiet l-oħra kollha kemm huma għandhom barranin. Taqbel u ma taqbilx fuq il-parteċipazzjoni ta' dawn l-istranġieri fil-kampjonat Għawdxi ikollok tagħmel bħal ma trid il-Gozo Football Association. Huwa fatt li dawn l-istranġieri jgħollu l-livell tal-logħba u jagħtuha kulur u allura jiġbdu iktar pubbliku sportiv lejn il-Gozo Stadium. Dan huwa pożittiv però imbagħad hemm il-finanzi fin-nofs. Dawn l-istranġieri trid tħallashom. U hemm tibda l-uġiegħ tar-ras. Trid tara mnejn ser iġġib il-flus. Ma rridx niftiehem li l-flus kollha li l-club jiġbor matul is-sena jmorru kollha biex jithallas dan in-Niġerjan. Hemm spejjeż oħra bhalma huma Affiliation Fee biex tipparteċipa, l-karti sofor u ħomor li players jaqilgħu waqt il-logħba ukoll igorru multa magħhom, irridu nħallsu sehemna talli jkun hemm in-nurses preżenti waqt il-logħob, xiri ta' blalen, kalzetti, ilma eċċ. Biex inkopru l-ispejjeż ahna nistinkaw biex inġibu xi sponsors, norganizzaw xi attivitajiet u nagħmlu ukoll ġabra bieb bieb darba f'sena. Diġa organizzajna Car show Competition fi Triq l-Għarb (fuq tas-Seqer). Kienet esperjenza ġdida għalina u sibna għajnuna ukoll mill-Kunsill Lokali. Din l-attivita' ħalliet qliegħ ta' Lm260 u 'l quddiem beħsiebna norganizzaw iktar attivitajiet, sponsor mhux faċli pero' sibna tnejn ukoll u l-ġabra bieb bieb mar-raħal daħħalna minnha Lm645. Somma sabiħa ġrazzi għalikom li daħħaltu jdejkom fil-but u tfajtulna d-donazzjonijiet tagħkom. Grazzi mill-qalb. Sa ma qed nikteb it-team tal-kbar lagħab 4 logħbiet. Rebaħ tnejn u tilef tnejn. Baqgħalna ħafna logħobiet u nisperaw li jkollna iktar rebħ u inqas telf. Ix-xorti tilgħab parti ukoll għax f'dawn iż-żewġt partiti li tlifna kellna diversi players mweġġgħin. Nagħlaq billi nħeġġeġ lill-ġenituri jkomplu jibgħatu lil uliedhom jilgħabu, liż-żgħażagħ biex jieħdu interess billi jew jilgħabu jew jissaportjawna u lin-nies kollha tar-raħal biex meta norganizzaw xi attivita' jikkonkorru bi ħġarhom għax hekk ikunu qed jgħinu lil club tagħna, Għarb Rangers. F'ismi u f'isem il-Kumitat kollu nixtiqilkom il-Milied it-tajjeb u sena ġdida mimlija risq u paċi.

**Stephen Apap**

**Messaġġ mill-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni**

Kull meta jasal il-Milied ikun ifisser li għaddiet sena oħra. Għall-Banda ikun ifisser ukoll li tkun għaddiet sena oħra mit-twaqqif tagħha. Ftit tal-ġranet ilu fakkarna r-raba' anniversarju tas-Soċjetà Filarmonika Viżitazzjoni. Sena wara sena u diġa għaddew 4 snin. Din l-aħħar sena kienet ferm impenjattiva. Dan l-aħħar il-Banda għamlet pass ieħor importanti fejn bdiet iddoqq fil-festi ta' barra mir-raħal. Din is-sena morna ndoqqu fil-Festa ta' Santa Marija fir-Rabat Għawdex u fil-Festa tal-Vitorja ix-Xagħra li huma żewġ festi kbar f'Għawdex. Kellna x-xorti ukoll li nagħmlu Programm Mużikali fin-Notte Gozitana fir-Rabat Għawdex. Ħaġa oħra li kienet ta' suċċess kien meta ħriġna għall-ewwel darba CD tal-Banda b'innijiet u marċi brijużi. Permezz ta' dan ic-CD ħutna l-emigranti setgħu jisimgħu ukoll il-banda tagħna iddoqq. Dawn l-affarijiet saru b'sagrifiċċji kbar biex setgħu jirnexxu. Nixtieq nieħu din l-opportunita' biex inheġġeg lil aktar żgħażagħ u anki kbar biex jieħdu eżempju ta' sħabhom u jiġu huma ukoll biex jitgħallmu xi strument. Il-Kumitat qed jagħmel sagrifiċċji kbar biex iżomm it-tagħlim kollu b'xejn. Mela la tibqax lura għamel l-ewwel pass u ejja kellem lil xi membru tal-kumitat biex tibda tiġi titgħallem xi strument. Permezz tiegħek il-Banda tagħna tkompli tissaħħaħ u timxi aktar il-quddiem. Ngħid grazzi kbira lil benefatturi kollha tal-għajnuna tagħhom kif ukoll nixtieq nirringrazzja lil membri kollha li reġgħu ġeddu s-shubija fis-soċjetà. Is-somma tas-sħubija għas-sena kienet għal darb'oħra waħda sodisfaċenti u laħqet is-somma sabiħa ta' Lm1400.

Fl-aħħar f'isem il-Kumitat nawgura Milied qaddis u Sena ġdida mimlija ġid u hena lil kulħadd u b'mod speċjali lill-Bandisti tagħna.

## Messaġġ mill-Għaqda Folkloristika tal-Qiegħa

Il-Milied reġa' magħna u l-2007 waslet biex tispiċċa. Kellna sena oħra interessanti u bħas-snin preċedenti kienet sena bieżla għall-grupp tagħna fejn rajna lil grupp jipparteċipa f'diversi attivitaijiet. F'Marzu li għadda ġejna mistiedna mill-Kunsill Lokali ta' l-Għarb sabiex nieħdu sehem waqt il-festival ta' Seħer il-Punent. Waqt dan il-festival ħadna lill-viżitaturi lura għall-passat u għexna l-ħajja li kienu jgħixu missirijietna. Dan sar realta' billi bicca għalqa fi Triq il-Knisja tiġi trasformata f'Qiegħa u urejna lill- viżitaturi xi tfisser il-kelma Qiegħa (li huwa ukoll l-isem tal-grupp tagħna). Ipparteċipajna ukoll permezz ta' żfin folkloristiku waqt l-attivita' li saret ġewwa l-Bajja tad-Dwejra li ġibet l-isem 'From Dusk till Dawn'. Il-grupp tad-daqqieqa ħadu ukoll sehem fin-Notte Bianca li saret fil-Belt Valletta liema parteċipazzjoni kienet ta' attrazzjoni għall-udjenza preżenti. Riċentament ħadna sehem ukoll waqt id-dramm 'Salib tal-Fidda' fix-Xewkija.

Esperjenzi bħal dawn jgħinu lil grupp tagħna sabiex jimxi dejjem il-quddiem bħala grupp. NixtieqU ukoll nieħdu opportunità permezz ta' dan il-messaġġ sabiex nirringrazzjaw lil dawk kollha li huma involuti mall-grupp tagħna. Aħna dejjem interessati f'idejat ġodda u nilqgħu lil dawk kollha li huma interessati li jkunu membri ġodda ta' l-Għaqda.

F'isem l-Għaqda Folkloristika tal-Qiegħa nixtieqU nawguraw lil Kulħadd il-Milied it-Tajjeb u Sena Ġdida mimlija risq u hena.

## Messaġġ mil-kumitat ta' Radju Viżitazzjoni

Qisu l-bieraħ li kont qed nikteb dan il-messaġġ biex jiġi ippublikat fir-rivista li ħarġet bħal lum sena, u f'kemm ilni ngħidlek wasalt biex nerġa nikteb il-messaġġ għal sena oħra. Xahar wara xahar reġgħet għaddiet sena oħra. Sikwit ngħidu ġej il-Milied u l-ewwel tas-sena. Hekk ukoll bl-istess mod qed jgħaddi iż-żmien minn fuq Radju Viżitazzjoni, li din is-sena proprju iċċelebra it-tielet anniversarju tiegħu.

F'dan iż-żmien tas-sena hekk kif Radju Viżitazzjoni jerġa jiftaħ il-bibien tiegħu fuq djarkom inħobbu inħarsu daqxejn lura u naraw f'din is-sena x'mar tajjeb u x'mar ħazin. Matul dawn it-tlett snin, hekk ukoll f'din is-sena l-isforzi kienu ħafna biex inkomplu intejbu il-kundizzjoni tar-Radju u inkomplu intejbu il-livell u l-varjetà ta' dan l-istazzjon. Minkejja dawn l-isforzi li sfortunatament mhux dejjem ħallew il-frott li wieħed kien jittamà baqa' ħafna xogħol x'isir biex noqorbu lejn fejn irridu naslu. Minkejja il-ħafna xogħol li isir, dawk li ma jkunux involuti fit-tfassil ta l-iskeda jaħsbu li ma sar xejn ħlief dak li s-soltu isir. Aħna tal-kumitat nixtieqU li dawn l-isforzi ikunu ftit aktar apprezzati u jifhmu li Radju irid ħafna nies biex jimxi il-quddiem. Nies li jikkommettu ruħhom għax-xogħol u li jkunu kompetenti f'dak li jagħmlu. Bniedem waħdu ma jistax jagħmel kollox. Sfortunatament dawn in-nies fir-Radju tagħna qegħdin dejjem jonqsu u l-ħafna oħrajn qegħdin maż-żmien dejjem jillimitaw il-ħin tagħhom lejn ir-Radju, l-maġġor parti minħabba l-ħajja mgħaġġla li ninsabu fija illum, u wieħed għandu jifhem dan il-punt.

Inħoss li dan is-servizz tar-Radju għadu ma huwiex daqshekk għaziz fil-lokalità tagħna u ikun dispjaċir kbir jekk jintilef, jew jintilef is-sens ta' servizz li jagħti u miegħu jintilef l-interess mis-semmiegħa. Għaldaqstant mill-iżbalji titgħallem u kumitat tgħallem minn fuq l-iżbalji ta' kumitat ta' qabel, fejn f'dawn l-aħħar xhur il-kumitat beda jaħdem taht forma differenti fejn l-isperanza hija li ikun aktar kompetenti. Nieħu wkoll iċ-ċans biex nappella lil dawk kollha li jistgħu jgħinu lir-Radju b'xi mod jew ieħor biex jagħmlu kuraġġ u jkellmu lil xi ħadd mill-kumitat, ftit ta' għajnuna tista' xi drabi isservi ta' ġid kbir, u b'għajnuna ma' infissirx biss għajnuna finanzjarja għaliex il-finanzi mhumiex kollox, għalxejn ikollok l-apparat jekk ma ikunx hemm minn jużah.

Minkejja dawn id-diffikultajiet però, bsaten fir-roti qatt ma sibna u lil minn tirrangrazzja għall-għajnuna tiegħu hemm ukoll, fosthom nixtieq insemmi lil komunità ta' l-ingliżi li joqogħdu ġewwa r-raħal tagħna, li jagħtu appoġġ kbir lir-Radju. Nirringrazzja wkoll lil dawk il-benefatturi kollha li b'xi mod jew ieħor jgħinu lir-Radju Viżitazzjoni u dawk kollha li jirreklamaw ma' dan ir-Radju, li huma ta' importanza vitali għar-Radju u fl-aħħar mill-aħħar lis-semmiegħa li mingħajrhom ir-Radju ma hu xejn.

Għaldaqstant Radju Viżitazzjoni għadu għaddej u proprju l-iskeda li fassal sa tixxandar ġewwa djarkom bejn id-9 ta' Diċembru u s-6 ta' Jannar 2008. L-ottimiżmu qalb il-kumitat ta' Radju Viżitazzjoni għadu hemm, li inkomplu nitelgħu t-taraġ, tarġa tarġa biex naslu fil-livell li nixtieqU u... b'dan il-mod nixtieq nagħlaq u nawgura l-**Milied it-Tajjeb u s-sena l-Ġdida mimlija Risq u Barka** lil membri kollha tal-parroċċa sena li fija nispera li tkompli l-ħidma qalb il-kumitati kollha, ilkoll f'għaqda waħda għal-Lokalità tagħna.

***Jason Caruana***

## Messaġġ mis-Segretarju tal-Kumitat Festa tal-Viżitazzjoni

Iż-żmien igerbeb u daqt tgħaddi sena oħra. Din is-sena l-festa ġiet xahar tard u għalkemm il-kumitat tal-festa kellu xahar aktar ta' ħidma, xorta waħda sab problema u biċċa xogħol iebsa biex jorganizza festa kif għamel fl-aħħar snin. Kif dejjem ngħidu, in-numru ta' nies li jagħtu daqqa t'id dejjem jonqos filwaqt li l-festa baqgħet issir dejjem, sena wara oħra. Veru li llum il-volontarjat m'għadux moda imma kont naħseb li fir-raħal baqa' ħafna aktar nies li għandhom għal qalbhom il-festa u għalhekk lesti jagħtu ftit mill-ħin tagħhom. Dan għaliex, dejjem fl-opinjoni tiegħi, il-festa kienet u għadha l-aqwa mod biex il-membri kollha ta' din il-parroċċa jingħaqdu bħala familja waħda u jifirħu flimkien. Iżda mill-esperjenza ta' dawn l-aħħar snin, jiddispjaċini ngħid li kont imqarraq. Nimmaġina li tgħidu – Għaliex? Ħafna mill-membri tal-parroċċa tagħna mhux talli ma jgħinu xejn fix-xogħol biex norganizzaw din il-festa, iżda sfortunatament, ma tismax ħlief tmaqdir u tgergir minn għandhom. Kulħadd irid jagħti elf suġġeriment, imbagħad isib kull skuża li teżisti biex jgħin ftit. Barra minn hekk, min-naħa tat-tmexxija tal-parroċċa jkolli nammetti li ftit li xejn insibu koperazzjoni u għajnuna.

Għax-xogħol kollu li nagħmlu, aħna tal-kumitat, la nitħallsu u lanqas qatt ma ppretendejna ringrazzjamenti. Imma ma nixtiqux li tweġġgħuna bi kliem li mhux xieraq. Jekk hemm xi ħadd li jixtieq li jibda jieħu ħsieb, jew jaħseb li ser jagħmel l-affarijiet aħjar minna, inħeġġu sabiex jiġi flokna. Inwegħedkom li aħna ma nieħdu l-ebda fastidju, anzi lil dawn inwegħdhom li aħna xorta nibqgħu naħdmu miegħu għall-festa. Fuq kollox nippretendi li nsibu ftit aktar raġuni u nammettu li biex tmexxi u togħġob lil kulħadd diffiċli ħafna, jew aħjar ngħid li ma jistax ikun. Tridu tifhmu li mhux l-opinjoni tagħkom jew tiegħi biss tajba. Id-dmir tal-kumitat hu li jsib kompromess kemm jista' jkun u fl-aħħar mill-aħħar jagħżel deċiżjoni li tkun fl-interess tal-festa u ta' ħadd aktar.

Nixtieq inneħħi l-idea ħażina li smajt u li ġejna akkużati biha fl-aħħar festa jien u xi wħud minn sħabi tal-kumitat. Kien hemm min ħaseb li fil-Kumitat qegħdin erbgħa min-nies li niddeċiedu u nagħmlu kollox kif jidhrilna aħna. Dan żgur li mhux il-każ. Nies li għandhom veru għal qalbhom il-festa tagħna, l-ewwel m'għandhom jagħmlu hu li jiġu fil-kumitat, jaqsmu l-ideat tagħhom magħna u mbagħad imiddu jdejhom f'dak kollu li jkun hemm bżonn. B'hekk ikunu jafu kif jimxu l-affarijiet fil-kumitat tal-festa u żgur li ma jibqgħux jaħsbu u jirraġunaw b'dan il-mod, u lanqas igħaddu il-kummenti li għaddew.

Nixtieq nagħti spjegazzjoni għaliex il-kumitat iddeċieda ukoll li jnaqqas marċ fil-ġurnata tas-Sibt u jneħħi l-marċ ta' l-aħħar. Kif kulħadd jaf, il-banda tar-raħal tagħna bdiet tagħti tliet servizzi matul il-festa. Għalkemm din titħallas inqas minn baned barranin, il-kumitat xorta ħass il-ħtieġa li jnaqqas servizz minn banda barranija għal kull servizz li bdiet tagħti l-banda tagħna. Naturalment dan minħabba kwistjoni ta' finanzi biex l-ispejjeż li jintefqu fil-baned ma jikbrux. Il-banda tar-raħal bdiet tagħmel is-servizz tal-purċissjoni minflok il-banda Peace tan-Naxxar u dak tas-Sibt minflok il-banda ta' Għajnsielem. It-tielet servizz hu dak tal-marċ ta' l-Erbgħa. Għal dan, il-kumitat iddeċieda li jneħħi l-marċ ta' l-aħħar u dan dejjem biex in-numru tal-marċi fil-festa jibqa' l-istess. Tajjeb li tkunu tafu li l-marċ ta' l-aħħar jiswa Lm250 avolja jkun qasir ħafna billi l-ħin ma jippermettix. Irridu nammettu ukoll li dawn l-aħħar snin, dan il-marċ naqqas ħafna mill-popolarita' tiegħu, u ftit li xejn jkun hemm nies miegħu.

Qabel nagħlaq nixtieq ngħid li jekk ikun hemm xi ħadd li jkollu bżonn xi spjegazzjoni fuq ħaġa jew oħra, ma jiddejjaqx jistaqsi lil xi ħadd minna tal-kumitat. Li tkunu tafu hu dritt tagħkom ilkoll. Nagħlaq billi f'isem sħabi kollha nirringrazzja lill-benefatturi kollha kif ukoll lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor jagħtu l-għajnuna tagħhom. Grazzi mill-qalb.

F'isem il-Kumitat nixtieq nieħu l-okkażjoni biex nawgura l-Milied it-Tajjeb u s-Sena l-Ġdida mimlija Risq lill-membri kollha tal-porroċċa tagħna.

***Ruben Camilleri***

## Messaġġ mill-Leġjun ta' Marija

Il-Leġjun ta' Marija jilqa' bil-ferħ l-istedina tal-Kunsill Lokali biex jixtieq xewqat tajba lir-residenti kollha tal-Għarb u anke lil dawk kollha li, għalkemm ma joqogħdux fir-raħal tagħna, bħalissa jinsabu fostna. Bħala Leġjunarji aħna nħeġġu lil kulħadd biex inkomplu nżommu l-ispirtu veru tal-Milied. Jgħidu li l-eżempju jkaxkar. Għalhekk Alla bagħat lil Ibnu biex isir bniedem bħalna u hekk jurina kif aħna għandna ngħixu jekk irridu li jkollna l-vera paċi ġo qalbna.

Nixtiequ l-Milied it-Tajjeb u s-Sena t-Tajba lil kulħadd.

Żgur li waħda mill-iktar eventi li tibqa' imfakkra għas-sena 2007, huwa Seħer il-Punent, festival li ġie organizzat għall-ewwel darba ġewwa r-raħal ta' l-Għarb kif ukoll l-ewwel attivita' ta' din ix-xorta għall-Gżira Għawdxija. Bl-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex u għadd kbir ta' voluntiera, l-Kunsill seta' jorganizza 'Seħer il-Punent' li wieħed jista' jgħid kien ta' suċċess kbir u ta' sodisfazzjoni għal dawk kollha li ħadmu bis-sħiħ u li taw l-għajnuna u l-kollaborazzjoni tagħhom. Dan is-suċċess ġie muri biċ-ċar minn għadd ta' ittri ta' tifħir li dehru fuq il-gazzetti lokali.

Seħer il-Punent ġie organizzat fil-weekend bejn il-Ġimgħa 16 u l-Ħadd 18 ta' Marzu, liema weekend ħabat ukoll long weekend minħabba li l-għada t-Tnejn kienet il-festa ta' San Ġużepp. Dan il-festival espona l-karatteristiċi ewlenin ta' dan ir-raħal Għawdxi, uniku fl-istil tiegħu u ferm popolari mall-Maltin u t-turisti.

Matul dawn it-tlett t'ijiem rajna lir-raħal tagħna jiġi trasformat f'attivita' kontinwa. Il-pjazza prinċipali, 'Pjazza żjara tal-Madonna', fejn saru l-attivitajiet prinċipali ġiet imżejna bl-armar tal-festa. Il-postijiet ta' kultura u patrimonju bħal mużewijiet, kappelli, eċċ estendew il-ħinijiet tal-ftuħ. Il-Kunsill ħa ħsieb ukoll li jorganizza 'walking guided tours' madwar il-lokalita'. Saru eżibizzjonijiet ta' arti u snajja, reenactments bħal ma kienet il-Qiegħa li ġiet ippreparata fi Triq il-Knisja mill-Għaqda Folkloristika tal-Qiegħa, persunaġġi lebsin kostumi, kif ukoll daqq mill-banda tar-raħal tagħna, 'Soċjetà Filarmonika Viżitazzjoni'.

Waqt il-festival ġie offrut ikel tajjeb minn restaurant popolari Għawdxi fejn offra kemm servizz ta' restaurant kif ukoll snack points fil-Pjazza ċentrali tar-raħal.

Għalkemm l-attivitajiet prinċipali kienu fil-Pjazza ċentrali, żewġ palkijiet oħra gew imħejjija matul Triq il-Knisja fejn eżibew diversi talenti lokali fil-qasam ta' kant, żfin u mużika.

Il-Kunsill ma setax jinsa lil viżitaturi zgħar u ħelwin ta' dan il-festival u ħejja għalihom animaturi u area apposta fejn jilgħabu.

Saru attrazzjonijiet mill-isbaħ fejn żaruna diversi persunaġġi popolari tal-gżejjer tagħna, fosthom il-finalisti tal-kanzunetta għall-Eurovision 2007, kummidjanti popolari, preżentaturi eċċ.








**Il-Kunsill Lokali jirringrazzja lill-voluntiera u l-isponsors kollha li kienu strumentali biex din l-attività kienet suċċess.**

Kull serata intemmet b'eżibizzjoni ta' logħob tan-nar li intgħoġob kemm minn dawk dilettanti kif ukoll minn dawk kollha preżenti.

Il-Ħadd filgħodu meta sebħet il-ġurnata, l-poplu ta' dan ir-raħal qam għax-xena sabiħa ta' l-Infiorata li kienet saret matul il-lejl minn grupp ta' voluntiera fuq iz-zuntier tal-Knisja. Dan it-tapit kollu fjuri kellu bħala temi, l-festival ta' Seħer il-Punent, kwadru minn ta' Picasso kif ukoll l-arma tar-raħal ta' l-Għarb u dik ta' Gerano. Dan it-tapit sar ukoll bl-għajnuna ta' grupp ta' taljani minn Gerano li ġew fostna għal dan il-festival u ġabu magħhom il-kwadru mirakoluż tal-*Madonna del Cuore*. Fid-9 ta' filgħodu saret quddiesa ta' Radd il-Ħajr ġewwa l-Knisja Bażilika ta' l-Għarb segwita minn purċissjoni bil-kwadru tal-Madonna del Cuore u bil-parteċipazzjoni tal-fratellanzi ta' l-Għarb, Gerano u diversi oħrajn madwar Għawdex u Malta.

Permezz ta' dan il-festival ġie ikrejat kull xorta ta' divertiment għall-gosti ta' kulħadd. Barra minnhekk il-Kunsill huwa ferm sodisfatt għar-raġuni li apparti d-divertiment permezz ta' 'Seħer il-Punent', setgħu igawdu l-businesses tar-raħal tagħna u oħrajn magħhom madwar Għawdex minħabba n-numru kbir ta' nies li qasmu mill-gżira ta' Malta f'dak il-weekend sabiex jżuru r-raħal tagħna u l-festival ta' 'Seħer il-Punent'. Żgur li r-raħal tagħna kien ta' eżempju għall-oħrajn sabiex jiġu organizzati attivitajiet matul ix-xhur 'mejtin' tax-xitwa, fejn sfortunatament il-gżira Għawdxija tara nuqqas fit-turiżmu u kummerċ ġenerali.

Il-poplu ta' l-Għarb għandu ikun kburi bis-suċċess miksub b'dan il-festival u bil-kultura u patrimonju li jinsabu ġewwa ir-raħal.

Suċċess bħal dan zgur li ma jistax jintesa u huwa għalhekk li l-Kunsill qiegħed fil-preparamenti tiegħu sabiex jorganizza t-Tieni Edizzjoni ta' 'Seħer il-Punent' li għal darb'oħra ser jerġa jiġi organizzat matul ix-xahar ta' Marzu. Wara l-ewwel esperjenza ta' dan il-festival, il-Kunsill jinsab ċert li ser jerġa jikseb suċċess ikbar minn ta' qabel.

Il-Kunsill jixtieq jistieden lil dawk kollha li jixtiequ jgħinu fil-preparamenti ta' dan il-festival jew jagħtu s-suġġerimenti tagħhom billi jirrikorru l-uffiċju tal-Kunsill Lokali. Kull għajnuna hija ferm apprezzata.

# Servizzi offruti mill-Kunsill Lokali

Il-Pubbliku jista' jagħmel użu minn servizz ta' internet ġewwa l-librerija. Dan is-servizz jiġi offrut mingħajr ħlas bis-sistema tal-'wireless internet'. Din is-sistema tippermetti sabiex dawk kollha li ikunu jridu jidħlu fuq l-internet mhux biss minn fuq il-kompjuters tal-Kunsill imma minn fuq il-laptop tagħhom ukoll. Dan is-servizz jiġi offrut għall-skopijiet edukattivi u informattivi. Il-ħinijiet tal-ftuħ għal dan is-servizz huma mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.30am sat-3.30pm.




*The public can make use of the internet service, found in the Council's library. This service is offered free of charge by means of 'wireless internet'. By this kind of system, one can use not only the Council's computers but users can bring their personal laptop and have access to the internet. The aim of this service is for education and information purposes. Opening hours are from Monday to Friday from 8.30am to 3.30pm.*

Il-librerija tar-raħal tiftaħ nhar ta' Erbgħa mit-8.30am sa 12.00pm u nhar ta' Sibt bejn l-10am u 12.00pm. Il-librerija toffri għażla vasta ta' kotba kemm għal kbar kif ukoll għaż-żgħar. Il-Kunsill impenja ruħu sabiex jixtri numru ta' kotba b'mod regolari matul is-sena. Il-kotba ikomplu jizdiedu ukoll permezz ta' donazzjonijiet ta' kotba mir-residenti. Il-Kunsill jixtieq iħeġġeġ lir-residenti sabiex jagħmlu iktar użu minn dan is-servizz edukattiv.




*The library is open Wednesdays from 8,30am to 12,00pm and Saturdays from 10,00am to 12,00pm. The library has a large choice of books suitable for both young and adult readers. The Council is committed to furnish the library with a number of books on a regular basis throughout the year. The books are increasing also thanks to donations from residents. The Council would like to encourage more residents to make use from this educative service.*

Matul is-sena l-Kunsill jimpenja ruħu sabiex jorganizza korsijiet għat-tfal kif ukoll għall-adulti. Il-Korsijiet jiġu organizzati kemm matul ix-xhur tas-Sajf kif ukoll matul ix-xhur tax-xitwa. Il-Korsijiet li normalment jiġu imhejjija fis-sajf huma korsijiet fis-snajja bħal ma huma Basic Art: kors tal-pittura għat-tfal, Oil & Water Painting: kors tal-pittura għat-tfal minn 12 il-sena il-fuq u kbar, Bizzillla, Parċmina, Ganutell u ħafna oħrajn. Matul ix-Xitwa jiġu imbagħad organizzati korsijiet tal-Kompjuter u lingwi. Il-Kunsill jistieden ukoll lir-residenti sabiex javiċinaw jekk jixtiequ li jiġi organizzat xi kors partikolari.




*Throughout the year the Council organizes courses for children and adults. Courses are organized in the Summer season and also during Winter. Courses held during summer are usually craft based ones like for example Basic Art which is a drawing course for children, Oil & Water painting another type of drawing course for children from 12 years to adults, Lace Making, Parchment, 'Ganutell', etc. During winter courses are held in Computers and languages. The Council would also like to invite the residents to suggest any courses which are to their interest.*

L-iskart domestiku fir-raħal tagħna jinġabar minn Ottubru sa Ġunju kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa, Ġimgħa u Sibt u minn Lulju ta' Settembru mit-Tnejn sas-Sibt. Is-servizz tal-ġbir jibda għal madwar il-ħin tas-2pm. Huwa għalhekk importanti li l-iskart ma jinħariġx iktar minn siegħa qabel il-ħin tal-ġbir.




*In our locality the domestic refuse is collected as follows from October to June every Monday, Wednesday, Friday and Saturday and from July to September everyday i.e. from Monday to Saturday. The Collection starts at around 2pm. It is therefore important that refuse is not put outside more than an hour before the collection.*

Il-Kunsill joffri ukoll lir-residenti servizz ta' ġbir ta' skart goff. Wieħed jista' iċempel lill-Kunsill Lokali u jagħti d-dettalji tiegħu. Il-Kunsill min-naħa tiegħu jinforma lid-Dipartiment ta' l-Indafa Pubblika li jieħdu ħsieb jiġbru l-iskart goff Materjal tal-ġnien ma jiġix aċċettat. Dan is-servizz huwa offrut mingħajr ħlas.




*The Council offers its residents the service of the collection of bulky refuse directly from their home. The residents are requested to call the Council giving their details together with information about the items he wants to dispose of. The Council will then forward the details to the Public Cleansing Section who will consequently call the residents informing them with the day and time of collection. Garden material is not accepted. This service is offered by the Council free of charge.*

Servizz ieħor offrut mill-Kunsill huwa dak ta' Open-skip kull nhar ta' Sibt bejn 9am u 11am fi Triq Tumas Cassar quddiem il-grawnd tal-futbol). Fl-open skip wieħed jista' jitfa' kull tip ta' skart goff.




*Another service offered by the Council is the open-skip service offered every Saturday from 9am to 11am in Tumas Cassar Street (infront of the football ground). The open skip is for any type of bulky refuse.*

Fil-lokalità insibu faċilita' ta' separazzjoni ta' skart. Attwalment il-faċilita' tinsab fi Triq il-Viżitazzjoni fejn il-gate ta' l-iskola fejn wieħed isib recipjenti separati għall-karti, metal, ħġieġ u plastic. Servizz ieħor disponibbli huwa bin apposta għal rimi ta' batteriji użati li jinsab fl-uffiċju tal-Kunsill Lokali. Huwa importanti li nieħdu hsieb l-ambjent ta' madwarna u nagħmlu użu minn dan is-servizz.




*In our locality we have recycle bins, which are found at Visitation Street next to the school gate. The bins are for the separate disposal of paper, metal, glass and plastic. Bin for disposal of used batteries of used batteries is found within the Council's office. It is important to protect the environment and make use of these bins.*

**Ħlas ta' Kontravenzjonijiet / Liċenzji / Kera ta' Raba' tal-Gvern**

Il-Kunsill wieħed jista' jħallas kontravenzjonijiet mogħtija mill-Gwardjani Lokali u Pulizija. Il-Kunsill jaċċetta ukoll l-ħlas ta' dawk il-kontravenzjonijiet li ma ikunux ġew mogħtija ġewwa l-lokalita' tiegħu. Huwa importanti li wieħed jinnota' li l-Kunsill huwa responsabbli biss mill-ħlas ta' kontravenzjonijiet. Barra minnhekk il-Kunsill jaċċetta ħlasijiet ta' Liċenzji tal-ħwienet, postijiet ta' akkomodazzjoni u liċenzji oħra ta' dan it-tip kif ukoll tal-kera ta' raba tal-Gvern.

**Payment of Contraventions / Shop Licenses / Land Rent**

*The Council accepts, payments of contraventions given by local wardens and police. Payments are also accepted for contraventions which were given in other localities. It is important to note that the Council is responsible only for the payment of such contraventions. Payments for Trading and MTA licenses and Government land rent are accepted.*

**Tindif tat-toroq**

Il-Kunsill għandu fir-responsabilita' tiegħu t-tindif tat-toroq ta' madwar ir-raħal. Dan is-servizz jiġi mogħti permezz ta' kenniesa li matul il-jum iduru madwar ir-raħal inaddfu u jaqtgħu l-ħaxix ħazin. Għalkemm il-Kunsill joffri dan is-servizz ma jfisirx li għandna inħammġu t-toroq anzi r-residenti għandhom ikunu konxji li huwa importanti li l-ambjent li fih ngħixu għandu ikun nadif u għalhekk għandna nagħmlu l-ħila tagħna sabiex inżommu t-toroq tagħna nodfa.

***Street Cleaning***

*It is the Council's responsibility to clean the streets found within the locality. This service is given by street sweepers from the Public Cleansing Section who everyday go around the locality sweeping streets and cutting the grass. Although the Council offers this service it does not mean that we have to litter the streets. On the contrary the residents should keep in mind that we must keep clean the environment we live in and so do our utmost to keep the streets clean.*

**Permessi**
Il-Kunsill joħrog ukoll il-permessi segwenti:
- Permess għal depożitu jew uzu ta' Krejn jew Makkinarju fit-toroq,
- Permess għat-tpoġġija ta' materjal tal-bini jew materjal ieħor (li tinkludi ukoll tqegħid ta' skips),
- Permessi għall-Kiddie Riding Machines / Automatic Vending Machines,
- Permessi għal divertiment Okkażjonali,
- Permessi għat-tqeghid Temporanju ta' imwejjed u siġġijiet u
- Permessi għall-Kiosks

Kull min ikollu permess ta' din ix-xorta għandu javviċina lil Kunsill sa minn 48 siegħa qabel ma ikun ser isir ix-xogħol.

***Permits***
*The Council issues the following temporary permits: Permit for the deposit or use of crane or other machinery, Permits for deposit of building and other material (like for example skips), Permits for Kiddie Ride Machines or automatic Vending Machines, Permits for occasional entertainment, Permits for deposit of tables and chairs to provide food and beverages, Placement of stall or kiosk and Trenching Permits. Everyone who needs one of the above mentioned permits is requested to call at the Gharb Local Council 48 hours prior to the works.*

**Manutenzjoni ta' Dawl tat-Toroq**
Waħda mid-delegazzjonijiet li ġew mgħoddija lill-Kunsill f'dawn l-aħħar snin hija l-manutenzjoni tad-dawl tat-Toroq. Il-Kunsill huwa responsabbli biss minn dawk il-lampi li huwa imwaħħla mad-djar. Il-lampi l-oħra li huma central hanging u dawk li huma imwaħħla fuq arblu, dawn il-lampi huma responsabbilita' ta' l-Enemalta. X'għandu għalhekk jagħmel ir-resident meta jara li bozza mhux qegħda taħdem sewwa? Hu faċli, r-resident kull m'għandu jagħmel huwa li jikteb in-numru li hemm imwaħħal mall-bozza u iċempel l-uffiċju tal-Kunsill Lokali sabiex jittiehed ir-rapport. Min-naħa tiegħu l-Kunsill jidentifika lil min għandu jinforma sabiex issir il-manutenzjoni meħtiega jigifieri jekk hux lil Kuntrattur tiegħu stess jew inkella lil Enemalta.

***Maintenance of Street Lighting***
*One of the delegations that have been assigned to the Council in the past years are the street light maintenance. The Council is only responsible for the wall hanging lamps / lanterns. The other lamps which are centre hanging or on a pole are Enemalta Corporation responsibility. What has to be done by the residents when a lamp is not working properly? Its simple all the resident has to do is write down the number found attached to the lantern and call the Council to make the report. The Council then identifies to whom the lamp must be reported to for the necessary maintenance i.e. either report to his contractor or Enemalta.*

**Day Centre**
B'kollaborazzjoni bejn il-Kunsilli Lokali Għawdxin, Ministeru għal Għawdex u l-Knisja ġie imwaqqaf Day Centre għall-Anzjani. L-Anzjani tal-lokalita' ta' l-Għarb jistgħu jattendu dan iċ-Ċentru li jinsab ġewwa l-fondazzjoni Arka kull nhar ta' Tnejn. It-transport jitlaq mill-pjazza għat-8.30am. Għal aktar informazzjoni wieħed jista' iċempel lill-Kunsill Lokali.Din hija opportunita' tajba fejn l-anzjani tagħna jissoċjalizzaw u jintegraw f'ambjent maħsub apposta għalihom. Inħeggu aktar parteċipazzjoni speċjalment mill-anzjani irġiel.

***Day Centre***
*With the collaboration between the Gozitan Councils, Ministry for Gozo and the Church a Day Centre for the Elderly has been founded. The elderly from Gharb can attend this day centre which is found within the ARKA Foundation every Monday. The transport leaves from the main square at 8,30am. For more information one can contact the Local Council. The day centre is an optimal opportunity for the elderly to socialize and integrate in a warm environment. The Council encourages more participation at the day centre especially by men.*

Il-Festi t-Tajba
God helg
Meilleurs vœux
Vsechno nejlepsì!
I migliori auguri
Med de bedste ønsker
Met onze beste wensen
Season's Greetings
Vesele praznike
Boas festas




**4 ta' Jannar**
Ġie organizzat il-Party tat-tfal fis-sala ta' l-iskola Primarja. Saret ħarġa ma' l-Arċipriet u wara sar l-party. Waqt il-party ingħataw rigali mis-Sindku tal-Kunsill.



Il-Kunsill Lokali Għarb ipparteċipa għat-tieni laqgħa li saret ġewwa Verona fl-Italja bħala parti mill-Proġett Ewropew li qiegħed jieħu sehem fih il-Kunsill Lokali fir-rigward ta' l-Ugwaljanza.

**4 ta' Frar**
Ġiet organizzata Ħarga għall-Anzjani – Knisja ta' Sant'Anton Abbati u wara l-Anzjani ġew meħuda il-Bukkett Restaurant ġewwa l-Qala fejn setgħu jilgħabu ftit tombla u jieħdu l-ikla ta' nofs in-nhar.

**19 ta' Frar**
Serata Karnivaleska mimlija b'kull xorta ta' briju u żfin minn gruppi ta' tfal ta' skejjel primarji u gruppi oħrajn





kemm Maltin kif ukoll Għawdxin. Fost oħrajn saret ukoll il-kompetizzjoni tal-Maskarat Misterjuz.

**16-18 ta' Marzu**
Ġie organizzat għall-ewwel darba festival ta' arti, kultura, mużika u Patrimonju bl-isem 'Seħer il-Punent'.













**8 ta' April**
Sar tqassim ta' bajd ta' l-Għid lit-tfal kollha tal-Lokalità.

**4 ta' Mejju**
Inżammet it-tieni laqgħa transnazzjonali taħt il-kappa tal-Proġett Ewropew Equalabel ġewwa l-Għarb.

**23 ta' Ġunju**
Ġiet organizzata Quddiesa ġewwa l-Knisja Bażilika ta' l-Għarb u Attivita' fl-okkażjoni ta' l-40 sena mill-mewt ta' Frenċ ta' l-Għarb.

**Lulju**
Il-Kunsill organizza korsijiet għal matul is-sajf fejn saru korsijiet tal-Pittura (Basic Art u Oil & Water Painting) kif ukoll korsijiet tal-kompjuter għat-tfal tal-year 3 u 4 u ieħor għall-kbar.

**1 ta' Lulju**
Ġiet organizzata Ħarga għall-Anzjani. żaru l-Knisja ta' Marsalforn u wara saret ikla ġewwa l-Bukkett Restaurant fil-Qala.

**23 ta' Lulju**
Ġie organizzat marċ minn Triq Birbuba għal Kappella taż-żejt fi Triq San Pietru fejn saret quddiesa fis-7.00pm. Dan il-marċ wara reġa telaq biex minn din il-Knisja jibqa' sejjer għall-Knisja Parrokkjali fl-okkażżjoni tal-ħruġ ta' l-istatwa minn ġewwa n-niċċa.

**29 ta' Lulju**
Festa ta' l-Għarb fejn għall-ħames sena konsekuttiva saret l-Infiorata. It-temi kienu Frenċ ta' l-Għarb, 40 sena anniversarju ta' meta l-Knisja ta' l-Għarb saret parroċċa u San Ġorg Preca l-ewwel qaddis Malti.



**2 ta' Awissu**
L-Ambaxxatur Franċiż għal Malta għamel żjara uffiċjali ġewwa r-raħal ta' l-Għarb fejn tħawwlu siġar fi Triq l-Għarb kif ukoll infetħet eżebizzjoni ta' arti ta' l-Artist Franċiż residenti ġewwa l-Għarb Raphael Labro.





**29 ta' Awissu**
Ġie organizzat Jum l-Għarb. Ħadu sehem diversi talenti lokali fosthom 'The Art Alive Dance Group'. Mistieden Speċjali Klinsman Coleiro. Ġew mogħtija Premju Għarb lil Pawlinu Formosa, Qlub Ġenerużi Marija Apap u The Gharb Gozitan Cultural Award lil Godwin Vella fir-restawr u Mario Camilleri Cauchi fl-Induratura. Ġiet mogħtija bandiera Awstraljana lill-Kunsill għan-nom tal-emigranti fl-Awstralja minn Joe Caruana.









**30 ta' Settembru**
It-Team tal-futbol ta' l-Għarb, Għarb Rangers FC organizza Car Show fi Triq bejn l-Għarb u r-Rabat Għawdex bl-għajnuna tal-Kunsill Lokali.

**9 ta' Ottubru**
Saret Press Conference fir-rigward tal-Proġett 'Equalabel'. Il-Kunsill nieda l-Esperjenza pilota fl-ambitu tal-Proġett Ewropew Equalabel biex ikun lokalita' li tippromwovi l-ugwaljanza.

**16 - 21 ta' Ottubru**
Delegazzjoni mill-Kunsill Lokali Għarb ipparteċipat għal-laqgħa tal-Proġett Ewropew Equalabel li saret ġewwa Segovia Spanja. Waqt din il-laqgħa il-band lokali 'Mistaken Identity' kellhom l-opportunità li jdoqqu waqt kunċert imtella' apposta.

**2 - 6 ta' Novembru**
Delegazzjoni mill-Kunsill Lokali Għarb marret Castrolibero ġewwa l-Italja fejn sar ftehim għal ġemellaġġ ġdid bejn ir-raħal ta' l-Għarb u dak ta' Castrolibero. Waqt iż-żjara saret ukoll eżibizzjoni bil-prodotti maħduma ġewwa l-villaġġ tas-snajja ta' Dbiegi, Għarb.



**Novembru**
Il-Kunsill bil-kollaborazzjoni ta' l-NCPE (National Commission for the Promotion of Equality) organizza laqgħat fir-rigward ta' opportunitajiet indaqs bejn is-sessi bħala esperjenza pilota tal-Proġett Equalabel.



**16 ta' Novembru**
Saret l-ewwel laqgħa li ġiet indirizzata lill-għalliema ta' l-Iskola Primarja ta' l-Għarb.

**20 ta' Novembru**
Saret it-tieni laqgħa li ġiet indirizzata lis-Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali Għawdxin.

**23 ta' Novembru**
Saret it-tielet u l-aħħar laqgħa li ġiet indirizzata lill-membri ta' l-għaqdiet lokali.

**Novembru**
Ġie organizzat għall-ewwel darba kors dwar il-bini ta' Presepju.

**21 ta' Novembru**
Il-President ta' Malta l-E.T. Dr. Edward Fenech Adami għamel żjara lir-raħal ta' l-Għarb fejn żar l-Iskola Primarja Karmni Grima, l-Villaġġ tas-Snajja ta' Dbieġi u l-Progett ta' Wied il-Mielaħ. Il-President iltaqa' ukoll ma' l-Għaqdiet Lokali.

**25 ta' Novembru**
Il-President ta' Malta l-E.T. Dr. Edward Fenech Adami għamel it-2 żjara uffiċjali tiegħu fl-Għarb fejn attenda għal Quddiesa tat-8.30am u wara ltaqa' mar-residenti. żar ukoll lil Għaqda Mużikali Viżitazzjoni waqt il-kunċert tal-banda u in-nursery ta' l-Għarb Rangers FC waqt it-training fuq it-turf. Huwa temm iż-żjara uffiċjali tiegħu b'laqgħa mall-membri tal-Kunsill ġewwa l-Uffiċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Għarb. Waqt din l-okkażjoni fuq xewqa tas-Sindku David Apap il-President libbes labra tad-deheb bl-arma tal-Kunsill lill-membri tal-Kunsill, kif ukoll lil ex Sindki u Kunsilliera u Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill.







**27 ta' Novembru**
Saret ħarga għal Malta. Ġie miżjur ir-raħal tal-Birgu fejn saret ukoll quddiesa ġewwa l-Knisja ddedikata lil San Lawrenz ġewwa dan ir-raħal, kif ukoll ir-Razzett tal-Ħbiberija.

**6 ta' Diċembru**
Saret laqgħa dwar l-Ewro l-munità l-gdida li ser jadotta l-Pajjiż minn Jannar 2008. Din l-laqgħa saret ġewwa s-sala ta' l-Iskola Primarja ta' l-Għarb, Karmni Grima.

***Is-Sindku, Viċi-Sindku, Kunsilliera, Segretarju Eżekuttiv u Staff tal-Kunsill Lokali Għarb jixtiequ jawguraw il-Festi t-Tajba lil Kulħadd.***

## Extract from Audited Financial Statements for year ended 31st March 2007

Estratt mill-Audited Financial Statements għas-Sena li għalqet fil-31 ta' Marzu 2007

### Statement of income and expenditure - **Rapport ta' dħul u nfiq**

| | |
|---|---|
| **INCOME / *DĦUL*** | **Lm** |
| Funds received from government / *Allokazzjoni mill-Gvern* | 75,506.00 |
| Local enforcement system income / Dħul mis-sistema tal-infurzar lokali | 0.00 |
| Investment Income / *Dħul minn Investiment* | 245.00 |
| General Income / *Dħul Ġenerali* | 9,952.00 |
| | **85,703.00** |
| **EXPENDITURE / *INFIQ*** | |
| Personal Emoluments / *Emolumenti Personali* | 18,883.00 |
| Operations and Maintenance / schedule A / *Operazzjoni u Manutenzjoni skeda A* | 19,315.00 |
| Administration and other expenditure / schedule B / *Amministrazzjoni u nfiq ieħor skeda B* | 39,947.00 |
| | **78,145.00** |
| Surplus for the year / *Bilanċ favorevoli għas-sena* | **7,558.00** |

# Operations and maintenance / Operazzjoni u Manutenzjoni

**Skeda / Schedule A**

| | |
|---|---|
| **Repairs and upkeep / *Tiswijiet u Żamma fi stat tajjeb*** | **Lm** |
| Road and street pavements / Toroq u bankini | 1,433.00 |
| Repairs and upkeep / Tiswijiet u Żamma fi stat tajjeb | 1,816.00 |
| Office furniture and equipment / Għamara u apparat tal-uffiċju | 58.00 |
| Signs & Road Markings / Sinjali u Marki tat-Toroq | 245.00 |
| Other / Oħrajn | 90.00 |
| | **3,642.00** |
| **Contractual services / *Servizzi Kuntrattwali*** | |
| Refuse collection / *Ġbir ta' skart domestiku* | 3,199.00 |
| Bulky refuse collection / *Servizz ta' bulky refuse* | 53.00 |
| Road and street cleaning / *Tindif ta' toroq* | 1,496.00 |
| Hire of Skips / *Kiri ta' skips* | 1,559.00 |
| Bring in sites / *Reċiklaġġ* | 1,499.00 |
| Cleaning and Maintenance - public conveniences / *Tindif u Manutenzjoni ta' latrini pubbliċi* | 2,244.00 |
| Cleaning and Maintenance - soft areas / *Tindif u Manutenzjoni ta' areas bil-ħamrija* | 2,234.00 |
| Cleaning and Maintenance – non urban / *Tindif u Manutenzjoni ta' toroq non-urban* | 390.00 |
| Cleaning & maintenance – council premises / *Tindif u manutenzjoni ta' bini tal-Kunsill* | 256.00 |
| Local Enforcement system expenses / *Spejjeż marbuta mas-sistema ta' LES* | 0.00 |
| Street Lighting / *Dawl tat-toroq* | 1,509.00 |
| Others / Oħrajn | 1,234.00 |
| | **15,673** |
| | **19,315** |

**Skeda / Schedule B**

## Administration and other expenditure / *Amministrazzjoni u infiq ieħor*

| | |
|---|---|
| | Lm |
| Utilities / *Servizzi tal-bżonn* | 2,513 |
| Materials & Supplies / *Materjal u provvisti* | 533 |
| National & International memberships / *Sħubija* | 177 |
| Office Services / *Servizzi tal-Uffiċju* | 2,704 |
| Transport / *Trasport* | 809 |
| Lease of equipment / *Kera ta' apparat* | 300 |
| Information services / *Servizzi informattivi* | 518 |
| Professional services / *Servizzi Professjonali* | 2,188 |
| Community services & events / *Servizzi lill-komunità u attivitajiet* | 14,008 |
| Sundry espenses / *Spejjeż żgħar* | 223 |
| Rent / *Kera* | 100 |
| Depreciation / *Deprezzament* | 15,727 |
| Sponsorships & donations / *Donazzjonijiet* | 147 |
| Profit on disposal of tangible assets / *Qligħ mit-tneħħija ta' assi tanġibbli* | (0) |
| | **39,947** |

# Sorpriża

**Esther Mizzi**

Kien it-30 t'Awissu 1995-festa ta' Santa Roża ta' Lima patruna tal-Perù. Jien kont fil-parroċċa ta' El Salvador qrib il-belt kapitali, Lima ma' grupp żgħir minn Nadur:- Dun Mikiel Attard (R.I.P.), Dun Karm Portelli u oħtu Miriam u naturalment ħuhom il-missjunarju Fr. Raymond Portelli. B'kollox, kien ilna hemm 7 ġimgħat u wasalna biex nitilqu lura lejn Għawdex.

Allura, dak in-nhar Miriam u jien riedna nlestu ikla speċjali – Għagin il-forn u "fruit salad"! Qomna kmieni, lestejna 2 dixxijiet għagin, u daħħalnihom fil-forn. Jien bdejt inlesti l-"fruit salad" waqt li Miriam u Dun Mikiel ħargu x'imkien fil-qrib biex jagħmlu telefonata għal Ruma. Il-kċina kienet ta' taħt fuq, imma kelli ħafna ħin biex innaddaf kollox bil-kwiet.

F'daqqa waħda daħal jiġri fejni s-seminarista Miguel u qalli "Obispo, Obispo". Jien skantajt inħares lejh u mbagħad qalli: "Bishops – 4 Bishops!" Bil-ħasda, tlaqt kollox minn idejja u għajjat! "Madonna ta' Pinu, x'se nagħmel waħdi?" Ftit wara, mit-tieqa lmaħthom għaddejjin: 3 Isqfijiet, Arċisqof, 2 qassisin, ambaxxatur u 2 "body guards" Kienu mill-Equador pajjiż imiss mal-Peru u ġew għall-festa ta' Santa Roża f'Lima. X'gabhom għandna dalgħodu?" (Għidt f'qalbi).

B'xorti tajba, Miguel kien jaf fejn huma l-kikkri, tazzi eċċ, u jien tajtu l-flus biex joħrog jixtri xi 'soft drinks'! Sadattant, Miriam waslet b'qatgħa kbira fuqha għax, meta rat 2 karozzi u 2 muturi tal-pulizija, u karozza oħra quddiem id-dar, hasbet li ġew jarrestaw lil ħuha Raymond. X'ħin għettilha x'ġara, telgħet tiġri fil-kamra tagħna u ġabet l-aħħar 2 pakketti gallettini li kien fadal. Sa dan it-tant, Dun Karm kien iltaqa' magħhom u daħħalhom jaraw il-knisja. Imma wieħed mill-grupp (li wara sirt naf li kien l-Ambaxxatur tal-Equador fil-Perù) ġie jittawwal fil-kċina, u jien pronta lqajtu fil-bieb biex ma jidholx u jara t-taħwid li kelli! Wara dħalna mal-oħrajn kollha fil-kamra tal-ikel u laħaq ġie Fr. Raymond ukoll. Ridna nieħdu ritratt magħhom u ma kienx hemm ċans toqgħod tirranġa.

Insejt ngħid li meta ltqajna magħhom, ġew kollha jbusuna fuq ħaddejna u aħna għamilna l-istess!! Wara għidt lil Miriam "Immaġina kieku kellna mmorru nbusu lill-Isqof t'Għawdex jew - Arċisqof ta' Malta"! Imma hemmhekk hija ħaga li jagħmilha kulħadd.

Wara li telqu, staqsejt lil Fr. Raymond "Dawn l-Isqfijiet għaliex għazlu jiġu fil-parroċċa tiegħek minn tant postijiet oħra?" Weġibni li kienet l-iktar parroċċa fqira u batuta qrib Lima tant li anke l-Papa kien mar iżurha. Għalhekk, riedu jiġi huma wkoll. Insomma, huma telqu kuntenti u l-kċina u l-kamra ta' l-ikel fit wara kienu jleqqu bl-indafa. Jaħasra! Imma dawn l-imberkin Isqfijiet għax ġew kmieni u bla avviż?

F'qalbi smajt ir-risposta:- Għax l-aqwa li tilqa' lil kull barrani b'idejk miftuħa u b'qalb kbira. Mhux x'se tagħti jew kemm tagħti jgħodd, imma kif tagħtih.

**KLIEM TAT-TFAL ŻGĦAR**
(iżjed minn 50 sena ilu)

Pappa – ħobz
Inpappu – nieklu
Bumbu –ilma x'tixrob
Ċejċa – ħelu, eċċ
Kukka – bajda
Ġuġu – ġobon
Nejna – minestra
Tutu – ħmar, żiemel
Beqqa – nagħġa
żiżu – tiġieġa
Pipu – għasfur
Pejxu – qattus
Tietu – kelb
Moċċu – fenek
żiżu – ħanżir
Bejżu – barri
Ta' ta' – baj baj
Tata – missier
Paqqa – karozza
Vavu – tarbija
Ċiċċi – oqgħod bil-qiegħda
Mejxi – imxi bil-mod
Nażu – imnieħer
Sinnuni – snien
żaqquqa – żaqq zgħir
Wejda – id ċkejkna
Ninni –orqod
Mimmi – girfa
Bamboo – żarbun
Abbi – għannaq jew bus
Qeqqa – daqqa zgħira
Nagħmlu ċuffa – ngħumu
Bobba – libsa
Xejxi – tiżjin
Agħmilli żizi – mellissli wiċċi
Mamma – omm



# Children's Corner

Dear Friends,



How often do we hear on television about global warming? How serious is it? What does it mean and what can be done to solve the problem?

Well, global warming is the bad effect pollution and other factors are having on the world's climate. Temperatures are rising and floods are increasing causing devastation and deaths.

Although we are not grown ups yet I am sure we can play a part, however small, to help save the earth. Every little helps and if the children in the world can do something, how much more can the adults do?



Many of us go to school by car even though we live quite near. Cars have exhaust pipes at the back through which fumes come out when the engines are running. The smoke rises in the air and harms the earth and us too. So shall we be brave and tell mummy that from now on we want to start walking to school? Besides, walking is an exercise and it does good to us and our mummies too.



Plastic is also very harmful to the earth. Many of us have our lunch wrapped in plastic which we then throw away. Why not carry our lunch in a lunch box without using plastic or cling film? Let us remember that planet earth is our home and I am sure that each one of us wants a clean home to live in. So let's do away with plastic wrap or bags and pack our lunch in a box.



How about our room lights and television? You know that without electricity we cannot switch on the lights or watch television. However, electricity comes to our home through a big generator which emits smoke. The more energy we use the more this generator emits smoke and more harm is done to our planet earth. If all of us, say, watch less television and switch off the lights in our rooms when we don't need them we will be saving energy and less smoke goes up in the air. We can read a story book instead of watching television and improve our language skills.



I am sure that our contribution to a safer world will do some good however little and if we discuss this with our teacher we will raise more awareness to make our world a better place to live in. Come on mates! Let's make this resolution for the New Year 2008.

***Good Luck and God Bless You All***

# Ricetti



Liza Frendo

## BRUNĠIEL MIMLI BL-GĦAĠIN

**Jkollok bżonn:**
4 brunġiliet
120g Penne mgħollija fl-ilma
80g żebbug iswed u aħdar mqatta'
70g mortadella mqatta' f'biċċiet żgħar
Mgħarfa tursin mqatta' rqieq
100ml tadam mqatta'
żejt, bżar u melħ
Ġobon maħkuk

**Kif tagħmel:** Għalli l-brunġiel fl-ilma bil-melħ għal ħames minuti, saffi sewwa. Aqsam min-nofs u neħħi l-qalba. Qatta' l-qalba tal-brunġiel f'biċċiet żgħar, sajjar fiż-żejt bzar u melħ, żid iż-żebbuġ, tursin, mortadella, tadam u sajjar għal ħames minuti żid l-penne li tkun sajjart. Imla l-brunġiel b'din it-taħlita għamlu f'dixx tal-forn, għatti bil-foil sajjar għal madwar 35 minuta f'gas 200 degrees. Jekk ikun sa jixxotta żid ftit ilma bi cube tal-ħaxix.

## TORTA TA' SAN MARTIN

Din it-torta ta' San Martin fil-fatt ma hiex torta bl-għaġina imma cake. Ġeneralment dan naħmhuh f'Novembru billi f'dan ix-xahar taħbat il-festa ta' San Martin, u nsibu nixtru ingredjenti li nużaw fih.



**Jkollok bżonn:**
Kwart ġewż
Kwart ġellewż
Pakkett tamal
5 imgħaref dqiq
2 imgħarref ħalib tal-flixkun
5 imgħaref zokkor
2 bajdiet

**Kif tagħmel:**
Ħabbat l-abjad tal-bajd sakemm isir xkuma, żid iz-zokkor u ibqa' ħawwad, żid l-isfar tal-bajd, il-ħalib u d-dqiq. Żid il-kumplament ta' l-ingredjenti ftit ftit wara li tkun qaxxart u farrakt il-lewż u qattajt it-tamal f'biċċiet żgħar. Itfa' f'landa ta' cake u aħmi ġo forn moderat għal nofs siegħa jew sa kemm tara li saret.

## CABBAGE



**Jkollok bżonn:**
1 Kaboċċa mdaqqsa friska
2 basliet mqatta' żgħar
30g butir
żejt
150g bacon mqatta' f'biċċiet
Ftit Rosemary
Ftit sage
Ftit ħabaq
14ozs tadam mqaxxar u mqatta'
1 "stock cube"
100ml misħun, bżar u melħ

**Kif tagħmel:**
Neħħi l-weraq ta' barra mill-kaboċċa, aħsel sewwa, aqsam f'erba' biċċiet u wara qattaha irqieq. Poġġi l-butir f'taġen jew kazzola itfa' ż-żejt u l-butir, qalli l-basla, żid l-bacon, rosemary, ħabaq u sage, x'ħin il-bacon isir kannella żid il-kaboċċa, għaffeġ it-tadam b'furketta u żid mall-kaboċċa bil-meraq b'kollox, ħoll il-cube fil-misħun u żid mall-kaboċċa, żid il-bżar u melħ. Għatti l-kazzola u sajjar fuq nar baxx ħafna għal siegħa. Jekk ikun fih ħafna ilma sajjar mingħajr għatu. Dan tista' isservih ma' laħam mixwi.

# Siti Miftuħa




Biex tindirizza l-ġerħiet ambjentali u t-theddida għas-saħħa u siġurta taċ-ċittadini, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) qiegħda taħdem fuq inizjattiva b'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali.

Din l-inizjattiva ser timplemnta numru ta' miżuri li bihom ser jinbnew ħitan madwar siti vojta li jinsabu fl-abitat. Dawn is-siti vojta spiss qed jispiċċaw lok għal rimi ta' l-iskart kemm domestiku kif ukoll goff b'riżultat li l-ambjent madwar id-djar jitkerraħ u jkun ta' theddida għas-saħħa taċ-ċittadini.

1. IL-ĦAJT: Dan il-ħajt għandu jkun ta' tmien filati u jista' jkun tal-franka kif ukoll ta' materjal ieħor bħal *bricks* tal-konkos.
2. ĊINTURIN TAL-KONKRIT: Dan għandu jitqiegħed fuq l-aħħar filata biex jorbot il-ħajt. Il-ħxuna tiegħu għandha tkun ta' madwar erba' pulzieri.
3. IL-LINJA: Il-ħajt għandu josserva l-linja tal-bini.
4. PILASTRI: Jekk il-ħajt se jkun singlu dan għandu jkollu pilastri mill-inqas kull 2 metri jew kif jordna l-perit inkarigat mix-xogħol.
5. DEHRA: Il-ħajt għandu jkollu dehra unita.




Minn iktar kmieni din is-sena, l-Awtorita' ser tkun qed tilqa' notifiki mingħand il-Kunsill Lokali biex toħrog avviż ta' infurzar fuq siti vojta, li huma fl-iskema ta' l-iżvilupp, u li huma ta' inkonvenjent għall-komunità.

Min ma jieħux ħsieb jibni dan il-ħajt jista' jeħel:

- L-ispiża tal-ħajt;
- L-interessi fuq l-ispiża u
- Multa ta' Lm50 għal kull metro tul tal-faċċata sa massimu ta' Lm1000.

Ebda permess ta' żvilupp mill-MEPA ma' jinħareġ qabel ma jitħallsu l-ispejjeż u l-multi.

Bank of Valletta

www.bov.com

MERCIECA
Financial Investment
Services Limited

JOHN F. KENNEDY SQUARE, VICTORIA, GOZO.
TEL / FAX: 21 553892 • MOBILE: 9945 0477
E-MAIL: alexmerc@maltanet.net

*Servizz Personali*

Licensed to conduct investment services business by the Malta Financial Services Authority